MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 55/2002/1

**Anthony SCERRI f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefra Kimberly, Lara u Craig aħwa Wadham; Joseph, Emanuel, Francis, Mary mart Joseph Quintano, Carmen u Rita lkoll aħwa Scerri; Eugenio, Alfred, Tonio, John u Carmen mart Henry Aquilina, ilkoll aħwa Ażżilla; John Borġ u Amelia mart Salvatore Borġ**

**vs**

**Richard GAUĊI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Jannar, 2002, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-istanti, konsangwenei jew affini ta' Anthony Nicholas sive Nicola Borg li miet fl-14 ta' Novembru 2001, huma lkoll l-eredi nominati minn dan id-decujus skond it-

testment tiegħu tat-18 ta' Novembru 1997, atti Nutar Gerard Spiteri Maempel;

Illi l-konvenut huwa persuna totalment estraneju għall-imsemmi defunt iżda b'testment datat 23 t'Awissu 2001 atti Nutar Dottor Antoine Agius huwa ġie mħolli uniku eredi universali tal-imsemmi Anthony Nicholas Borg;

Illi skond ma rriżulta minn Espert Kalligrafu l-firma tat-testatur imsemmi fuq dan l-aħħar preċitat testment hija falza u dan jirrendi l-istess testment bħala null u bla effett;

Illi anke jekk dan ma kienx hekk l-istess testment huwa wkoll null u bla ebda effett legali in kwantu, kif għandu jirriżulta, l-volonta' tat-testatur ġiet karpita b'qerq mill-konvenut u l-validita' tat-testment hawn impunjat jinsab vizzjat b'raġġiri, kaptazzjoni u mezzi illeċiti oħra, adoperati mill-konvenut li approfitta ruħu wkoll mill-istat prekarju tas-saħħa fiżika u mentali tat-testatur;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment tat-23 t'Awissu 2001 magħmul minn Anthony Nicholas Borg fl-atti tan-Nutar Antoine Agius huwa null minħabba li l-firma fuqu tat-testatur hija falża;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment imsemmi huwa null u ta' ebda effett legali minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-volonta' tal-istess testatur; u

3. In konsegwenza għal dan, tiddikjara u tiddeċiedi illi s-suċċessjoni tal-istess Anthony Nicholas Borg għandha tkun regolata mit-testment preċedenti tat-18 ta' Novembru 1997 atti Nutar Gerard Spiteri Maempel;

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3420/01 kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimikien mas-seba' (7) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-4 ta' Marzu, 2002, li biha l-imħarrek Richard Gauċi eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament il-kawża proposta mill-atturi hija nulla, bażata kif inhi fuq awżali u talbiet assolutament kontradittorji u inkonciljabbli ma' xulxin u nieqsa kif inhi mill-konferma da parti ta' l-attur li ha l-gurament illi jaf personalment bil-fatti dikjarati;

2. Illi fil-mertu t-talbiet ta' l-atturi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu kien id-deċujus li b'mod konxju u determinat għażel li jeskludi mis-suċċessjoni tiegħu lill-familjari tiegħu u li jistitwixxi bħala eredi universali tiegħu lill-konvenut, kif ser jirriżulta mill-provi;

3. Illi dwar il-kap ta' l-ispejjeż, jiġi rilevat illi l-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi ġie miċħud bl-ispejjeż kontra l-atturi, b'mod illi l-ispejjeż tiegħu jinsabu regolati;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;
Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Marzu, 2002, li fih il-Qorti tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-imħarrek;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-9 ta' Mejju, 2002[1], li matulu nqala' inċident dwar il-patroċinju tal-imħarrek, dwar liema inċident il-Qorti qegħda tipprovdi b'Degriet kamerali separat;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-16 ta' Mejju, 2002[2], dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet mressqa mill-atturi fit-23 ta' Mejju, 2002[3], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek;

---

[1] Pa[. 66-7 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 69 sa 71 tal-pro`ess

Rat id-Degrieti tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2002, 30 t'Ottubru, 2002, u 7 ta' Novembru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża fejn qiegħed jintalab it-tħassir ta' testment li bih l-imħarrek inħatar werriet waħdieni tat-testatur. It-talba qegħda tinbena fuq iż-żewġ kawżali li (a) il-firma tat-testatur li hemm fid-dokument tat-testment hija falza, u (b) li min għamel dak it-testment jew ma riedx jew ġie mġiegħel jagħmlu;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qiegħed jgħid li t-testment jgħodd għaliex it-testatur kien jaf x'qed jagħmel u ried jagħmel hekk u li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex hija msejsa fuq talbiet li ma joqogħdux flimkien u minħabba li l-attur li ħa l-ġurament tad-dikjarazzjoni ma qalx li l-fatti msemmija fl-istess dikjarazzjoni jafhom personalment;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk l-azzjoni attriċi tiswiex;

Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn il-fatti ewlenin. Nikola Borġ, miet fl-14 ta' Novembru, 2001, fl-għomor ta' wieħed u tmenin (81) sena[4]. Kien armel, imma ma kellux ulied. Bejn l-erbgħa (4) ta' Settembru tal-1997 sat-tlieta u għoxrin (23) t'Awissu tal-2001, jidher li għamel tliet (3) testmenti[5]. Fl-aħħar testment[6], huwa ħassar it-testmenti likien għamel qabel u, wara li ħalla xi legati, ħatar b'werriet waħdien tiegħu lill-imħarrek Richard Gauċi. L-atturi qegħdin jgħidu li l-aħħar wieħed mit-testmenti ma jgħoddx. Huma qabbdu persuna biex tqabbel il-firma li tidher fuq dan l-aħħar testment ma' kitbiet oħrajn li Nikol Borġ kien

---

[3] Pa[[. 75-8 tal-pro`ess
[4] Dok "1", f'pa[. 6 tal-pro`ess
[5] Dok "2", f'pa[[. 8 sa 11 tal-pro`ess
[6] Dok "3", f'pa[[. 13 u 14 tal-pro`ess

għamel matul ħajtu, u din il-persuna għamlet rapport miktub fl-10 ta’ Jannar, 2002[7];

Illi l-atturi qegħdin jgħidu li l-aħħar testment ma jgħoddx jew għaliex il-firma tat-testatur hija falza, jew, jekk dan mhux il-każ, li ma jgħoddx għaliex ir-rieda tat-testatur kienet vizzjata b’qerq jew raġġiri. L-imħarrek jgħid li dawn iż-żewġ xiljiet ma joqogħdux flimkien għaliex huma “kontradittorji u inkonċiljabbli ma’ xulxin”;

Illi, kif ingħad, l-imħarrek ressaq żewġ kawżali ta’ nullita’ tal-att taċ-ċitazzjoni: waħda dwar talbiet konfliġġenti u l-oħra dwar in-nuqqas ta’ dikjarazzjoni minn min ħalef id-dikjarazzjoni fis-sens li l-fatti msemmija jafhom personalment. Dawn iż-żewġ ilmenti jinbnew fuq dak li jipprovdu l-artikoli 156(1)(a) u 156(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta rispettivament;

Illi, fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-imħarrek jinsisti li ċ-ċitazzjoni attriċi tippreżenta żewġ xenarji differenti: waħda fejn it-testatur ma għamilx il-firma li tidher fuq it-testment, u l-oħra fejn għamilha imma mhux b’rieda ħielsa. Hu jilmenta minħabba l-fatt li, għalkemm l-atturi jagħrfu li dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet tabilfors jeskludu lil xulxin, it-talbiet attriċi - speċjalment l-ewwel u t-tieni talbiet - saru kumulativament, kontra dak li jidher mill-premessi taċ-ċitazzjoni. Huwa jgħid ukoll li dawn iż-żewġ talbiet jipprospettaw azzjonijiet legali separati. Minbarra dan, lanqas tista’ tintalab korrezzjoni, u t-talbiet jitqiesu bħala talbiet alternativi, għaliex dan ikun qiegħed jolqot is-sustanza tal-azzjoni nnifisha[8];

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jwieġbu billi jgħidu li dak li huma qegħdin jitolbu huwa essenzjalment ħaġa waħda: li t-testment tat-tlieta u għoxrin t’Awissu, 2001, jiġi dikjarat null. Għal dan il-għan waħdieni huma jipprospettaw żewġ possiblitajiet li, madankollu, ma jissarfux f’żewġ azzjonijiet separati. Huma jinsistu li mkien fil-liġi ma jingħad li ma jistgħux jitressqu azzjonijiet kumulativi. B’dak li qegħdin

[7] Dok “7”, f’pa[[. 36 sa 40 tal-pro`ess
[8] Art. 175(1) tal-Kap 12

jipprospettaw u b'dak li qegħdin jitlobu ma jista'bl-ebda mod jingħad li hemm nuqqas ta' kjarezza jew nullita';

Illi biex tasal li tqis dawn l-argumenti, il-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[9];

Illi ma' dan il-Qorti iżżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[10]. Minbarra dan, biex ċitazzjoni tiġi dikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors tagħha, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrja ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formaliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[11];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[12];

---

[9] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[10] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio |ammit*** (mhix publikata), li fiha espo\izzjoni `ara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att [udizzjarju
[11] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kaw\a fl-ismijiet ***John Ma llia vs Maria Assunta Bor[ et*** (mhix pubblikata)
[12] Ara, per e\empju, P.A. **5.6.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [13];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[14]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[15];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[16];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[17] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[18];

---

[13] P.A.: **9.3.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
[14] App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[15] App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[16] P.A. **15.12.1955** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[17] P.A. : **14.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[18] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Bonni`i vs Eucharistico |ammit noe et***

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed ‘il fuq[19], il-Qorti qalet li “*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta’ konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*”;

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [20]. Normalment, b’dan wieħed jifhem li dak li kellu f’moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed ‘il quddiem fil-kawża[21], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista’ jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[22], għalkemm jista’ jitfa’ dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[23]. B’dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista’ tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[24];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qegħdin jippremettu l-atturi ma jħalli l-ebda dubju x’inhuma jippretendu li sar u xi jridu li jinkseb bl-azzjoni tagħhom. Fuq dan, l-imħarrek innifsu, fin-Nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, juri wkoll li fehem x’qiegħed jingħad u x’għamla ta’ kontestazzjoni qiegħed iressaq għal dawk il-pretensjonijiet tal-atturi u dan b’difiża fil-mertu;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita’ tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta’ att ta’ ċitazzjoni, tali nullita’ tkun

[19] Ara nota 15;
[20] App. ~iv.: **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[21] App. ~iv. **30.3.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Raymond Be\\ina vs Anthony Galea***
[22] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra vs |ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[23] App. ~iv. **23.4.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)
[24] P.A. : **24.6.1961** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

imputabbli għal difett ta’ forma aktar milli ta’ sustanza[25], liema difett ma jkunx jista’ jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta’ ġustizzja proċedurali[26];

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrek isemmi n-nullita’ tal-att fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn kawżali u oħra tal-allegazzjoni tagħhom u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta’ meta tiġi eċċepita n-nullita’ ta’ ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta’ talba meqjusa bħala meħtieġa. Skond l-argument tal-imħarrek, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b’kontradittorjeta’ minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

Illi hawnhekk ta’ min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f’għadd ta’ każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta’ nullita’ tal-att taċ-ċitazzjoni fuq il-bażi tal-kontradittorjeta’ tal-kawżali u t-talbiet infushom, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f’daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[27]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis att ta’ ċitazzjoni bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[28]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li ċ-ċitazzjoni jkun fiha <u>tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni</u> tat-talba;

Illi f’dan il-każ joħroġ ċar li l-ilment tal-imħarrek ma jaqax fil-parametri ta’ nuqqas proċedurali, imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta’ tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta’ li l-imħarrek il-ħin kollu jirreferi għaliha hu marbut essenzjalment mal-impossibilita’ li ż-żewġ xenarji prospettati mill-atturi li fihom setgħet saret il-firma fuq it-testment jeliminaw il-waħda

---

[25] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[26] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[27] Ara, per e\empju, Kumm. **9.1.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ru[[ier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334**)
[28] Ara, per e\empju, App. ~iv. **6.3.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ammit et vs |ammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

lill-oħra. Dan huwa minnu u jistqarruh l-atturi nfushom, imma r-riżultat tal-waħda u tal-oħra, jekk debitament pruvat, iwassal għall-istess effett fuq it-testment: jiġifieri t-tħassir tiegħu. Jekk dan l-argument jagħti id aktar b'saħħitha lill-imħarrek biex iżidha mad-difiża tiegħu fil-mertu, ma jġibx ukoll li b'daqshekk l-azzjoni attriċi ma tiswiex;

Illi, f'waħda mis-sentenzi msemmija mill-imħarrek fin-Nota studjata tiegħu jingħad hekk: "*. . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . .*"[29];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan jgħodd sewwa għall-kawża li għandha quddiemha llum u jekk xejn juri li fit-tfassila tal-att taċ-ċitazzjoni ġiet imħarsa l-liġi, u ma jikkonkorrux l-estremi biex l-azzjoni titqies ma tiswiex;

Illi dwar it-tieni lment tal-imħarrek dwar is-siwi tal-att taċ-ċitazzjoni hemm x'wieħed jgħid ukoll. Dan għaliex il-ħtieġa li attur (jew wieħed minn għadd ta' atturi) jaf personalment bil-fatti dikjarati toħroġ minn kliem il-liġi nnifisha fl-artikolu 156(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Peress li d-dikjarazzjoni tqieset dejjem bħala parti sħiħa mill-att taċ-ċitazzjoni, nuqqas f'xi parti essenzjali tagħha jwassal

[29] App. ~iv. **14.11.1949** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bor[ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)

biex titqies daqslikieku ma tkunx saret, u għalhekk ukoll iġġib magħha n-nullita' tal-att taċ-ċitazzjoni[30];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni minn min ikun ħalef id-Dikjarazzjoni li jgħid liema huma l-fatti li jaf bihom personalment huwa nuqqas mhux traskurabbli, li jinkwadra ruħu fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12. Dan jingħad aktar u aktar meta wieħed iqis li l-liġi, fl-artikolu 156(3), tuża l-kelma mandatarja "għandu". Dan juri b'liema fehma l-leġislatur irid li tali rekwiżit jiġi osservat minn min iressaq l-att ġudizzjarju partikolari;

Illi, madankollu, dan biss ma jwassalx biex l-att taċ-ċitazzjoni jitqies ma jiswiex, għaliex hu meħtieġ mill-liġi nnifisha li n-nuqqas ma jkunx jista' jiġi mod ieħor imsewwi taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi[31]. Fost dawn hemm l-għoti ta' provvedimenti li l-liġi tgħid li l-Qorti tista' tagħti waqt is-smigħ tal-kawża biex tiżgura li jkun hemm tħaris għal kollox ma' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' proċedura. Jekk, imbagħad, wieħed jippretendi li, sempliċement biex tkun ġiet imħarsa l-formalita' tal-att, min ikun ressaq dikjarazzjoni li formalment ikun stqarr fiha li jaf il-fatti personalment bla ma dan ikun minnu, wieħed ikun qiegħed jistenna li aħjar jittieħed ġurament ħażin milli jkun hemm nuqqas fl-att. Dan m'għandux ikun. Ta' min jgħid ukoll li, f'każ li bniedem (attur) jiddikjara li jaf il-fatti personalment u dan ma jkunx minnu, mhux tabilfors li dan iwassal għat-tħassir tal-att taċ-ċitazzjoni[32] jekk din tista' tiġi mod ieħor imsewwija taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi;

Illi dan juri li n-nuqqas li jilmenta minnu l-imħarrek taħt dan il-kap ma huwiex tali li ma jistax jiġi iċċarat waqt is-smigħ tal-każ. Minbarra dan, u fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqas ilmentat mill-imħarrek dwar l-att taċ-ċitazzjoni,

[30] Ara, per e\empju, App. ~iv. **9.11.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Abela vs Abela*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.387**); u Kumm. **4.11.1988** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)

[31] Ara l-proviso g]all-artikolu 789(1) tal-Kap 12

[32] Ara P.A. **21.2.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Vella et vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.30)**

huwa ġarrab b'dak in-nuqqas preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att[33];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiddikjara li l-att taċ-ċitazzjoni kif imfassal mhuwiex null; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 ta' Novembru, 2002**

[33] Art. 789(1)(`) tal-Kap 12